

21.6.2016

A8-0209/ 001-001

EMENDI 001-001

mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapport

Jean-Marie Cavada

A8-0209/2016

Il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ta' reġimi tal-proprjetà matrimonjali

Proposta għal regolament (COM(2016)0106 – C8-0127/2016 – 2016/0059(CNS))

Emenda 1

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e a) 'Stat Membru' tfisser Stat Membru li jipparteċipa f'kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet dwar ir-reġimi ta' proprjetà ta' koppji internazzjonali, permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2016/..., jew permezz ta' deċiżjoni adottata b'mod konformi mat-tieni jew it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 331(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

Ġustifikazzjoni

L-introduzzjoni ta' definizzjoni ġdida ta' Stat Membru għall-iskop ta' dan ir-Regolament hija importanti, sabiex jiġu koperti biss l-Istati Membri li jipparteċipaw fir-Regolament dwar il-Proprjetà Matrimonjali, b'mod konformi mad-definizzjoni inkluża fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1259/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali (Ruma III).